MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 270/2008

**Catherine Vella (ID-339950-M)**
**vs**
**Jesmond Galea (ID-42879-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,956.67c (elf disa' mija u sitta u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu) gia Lm840 rapprezentanti flus li l-attrici hallset lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni ghan-nom tal-istess konvenut bhala taxxa provvizorja fuq trasferiment u liema flus kienu gew akkreditati lilu mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 15 ta' April 2008 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens li jafferma li l-ammont mitlub ma kienx minnu dovut u fi kwalunkwe kaz

l-azzjoni odjerna kienet preskritta, minghajr pero ma semma l-artikolu tal-ligi relattiv.

Bl-ispejjes.

Illi permezz ta' nota datata 30 ta' Mejju 2008, il-konvenut specifika li l-artikolu tal-ligi fuqiex kien qed jibbaza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet dik kontemplata fl-artikolu 2156 (e) u (f) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

L-attrici xehdet illi bintha li kienet gharusa mal-konvenut kienu xtraw flimkien xi maisonette tramite facilita bankarja mill-Lohombus fl-ammont ta' Lm27,000 kif jirrizulta minn kuntratt esebit markat Dok CV 1. L-attrici u zewgha kienu anke dahlu garanti fuq l-istess self mal-Bank. Tafferma wkoll li minn dak in-nhar tal-kuntratt il-quddiem sakemm rega nbiegh ir-ripagamenti kollha tas-self saru minnha u zewgha u minn bintha.Tghid ukoll li hallset spejjes ohra bhalma huma tan-nutar, avukat, periti u l-premia ta' l-assikurazzjoni. L-istess fond inbiegh sena wara fejn il-konvenut kien deher biex jiffirma l-kuntratt ta' trasferiment (Dok CV 2). Tafferma li fuq il-bejgh ma kien thalla ebda qliegh anzi sar it-telf peress illi bil-prezz imhallas kien thallas id-dejn mal-Lohombus. Dwar is-somma mitluba f'din il-kawza fl-ammont ta' Lm840 l-attrici tghid li dawn jirraprezentaw il-provisional capital gains tax li hija hallset minn butha minnflok hallashom il-konvenut u cioe min suppost kellu jhallashom bhala venditur. Difatti minn Dok CV 2 ghandu jirrizulta li b'kollox thallset provisional Capital Gains Tax fl-ammont ta' Lm1,680. Dan thallas kollu mill-kont bankarju tal-attrici kif affermat fl-affidavit taghha u kif ukoll minn dokument minnha esebit markat Dok A a fol 32 tal-process. Fl-affidavit taghha, l-attrici kompliet tispjega li hija kienet talbet ghal refund tal-imsemmija taxxa mhallsa peress illi fuq l-bejgh kien sar telf u mhux qliegh liema talba kienet giet akkolta u l-attrici rceviet lura s-somma kollha. In segwitu pero tad-dipartiment kienu kitbulha sabiex tirrifondi s-somma ta' Lm840 peress illi dan l-

ammont kienu hallsuh ukoll lill-konvenut bhala sehemhu mit-taxxa provvizorja mhallsa. Ghalhekk hija qed titlob li tithallas lura s-somma ta' Lm840 li l-konvenut kien ircieva indebitament mid-Dipartiment tat-taxxa. L-attrici terga tirriproduci l-pagamenti maghmula minnha lid-dipartiment koncernat minn butha Dok CVX 1 u CVX 2 filwaqt li tikkummenta li ma taqbilx mac-cedola ta' depositu Dok CVX 3 prezentata mill-konvenut peress illi c-cifra ta' 840 kellha tkun f'munita maltija ossia l-ekwivalenti f'Euro ta' Lm840 u mhux Euro840.

Dr Graziella Bezzina ghall-konvenut b'riferenza ghal Dok CVX 3 (ic-cedola ta' depositu) iddikjarat fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2009 illi ghalkemm huwa minnu li fic-cedola hija kellha tippremetti li l-meritu tal-kawza kien fuq 840 Maltin u mhux Euro pero fejn hija ddepositat l-ammont ricevut mid-dipartiment fis-somma ta' 809 Euro u mhux maltin, din ic-cifra kienet korretta u cioe fis-sens allura li qed tafferma li l-klijent taghha rcieva refuzjoni tat-taxxa mid-dipartiment koncernat fl-ammont ta' Euro809 u mhux Lm840.

Il-konvenut Jesmond Galea xehed li huwa fehem li l-ftehim ma bint l-attrici kien fis-sens li huwa jigi biex jiffirma l-kuntratt ta' bejgh u ma jkollu x'jaqsam xejn mal-ispejjes. Fil-fatt kienet il-familja Vella li hadet hsieb kollox dwar dan il-bejgh; huwa semplicement iffirma l-konvenju u l-kuntratt – anke r-ripagamenti lill-Bank kienu qed isiru minn Vella anke il-ghaliex huwa kien qed ihallas id-dejn fuq vettura. Dwar hlas ta' capital gains huwa jaccetta li ma kien jaf xejn b'mod cert dwar kif u minn fejn dan thallas. Il-konvenut ighid li xi zmien wara kienu bghatu ghalih tat-taxxa fejn talbuh jaghmel *computation* tajba ghas-sena bazi 2001 *cio e* s-sena meta nbieghhet il-proprjeta in kwistjoni. Dan huwa ghamilha tramite l-accountant tieghu u esebit bhal Dok JG 4. In segwitu huwa jghid li rcieva ricevuta mic-CIR fejn iddikjarat li kienu rcevew minghandu s-somma ta' Lm840 Dok JG5 pero wiehed jinnota li tali dokument ighajjat lil Joe Vella ghalkemm bl-indirizz tal-konvenut u inoltre li l-ammont originali ta' l-ircevuta fis-somma ta' Lm1,680 cioe l-ammont allegatament imhallas kollu mill-attrici giet maqtugha barra minn xi ufficcjal tad-

Dipartiment. Fi kliem iehor tali ricevuta ma tantx wiehed jista jistrieh fuqha bhala prova konklussiva daqs kemm fiha thazziz u korrezzjonijiet fuqha. Illi l-istampa tidher aktar cara f'Dok JG6 fis-sens illi fil-komputazzjoni generali tad-dhul tieghu, id-dipartiment tat-taxxa accettaw kreditu favur il-konvenut fis-somma ta' Lm840 cioe nofs l-ammont dovut bhala provisional Capital gains tax, ammont li thallas fl-intier mill-attrici skond l-istess attrici pero meta gew biex ikkalkolaw it-taxxa finali tieghu ta' dik is-sena waslu ghal konkluzjoni li kien intitolat biss ghal refund ta' Euro809 liema refund fil-fatt intbghatlu u l-konvenut ghadda biex iddeposita l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti. B'dana kollu, l-fatt li tat-taxxa tawh refund biss ta' Euro809 wara li hadmu d-dhul kollu tieghu ma jfissirx allura li lill-attrici huwa ntitolat li jroddilha lura biss dawn il-809 Euro. Tat-Taxxa waslu ghal tali ammont ta' refund wara li kkalkolaw favur tieghu kreditu ta' Lm840 mhallsa mill-attrici minnfloku. Li kieku dawn ma kkunsidrawhomx, l-attrici kienet tithallas l-ammont kollu lura tal-Provisional Capital gains fl-ammont ta' Lm1680 u l-konvenut kien jispicca biex ikun tenut ihallas xi taxxa fuq id-dhul lid-Dipartiment peress illi ma jkunux inkludulu is-somma ta' Lm840 bhala kreditu. Il-konvenut in kontro-ezami fil-fatt jammetti li l-hlas tal-capital gains fuq il-kuntratt ta bejgh ma sarx minnu. Jammetti wkoll li tat-Taxxa ikkalkolaw li nofs il-capital gains kienu thallsu minnu. Jaqbel ukoll li huwa mhux suppost li kien intitolat ghal ebda refund ta' capital gains. Jaqbel ukoll li r-refund ta' Euro809 li huwa rcieva minn tat-Taxxa, din ic-cifra kienet inhadmet fuq il-komputazzjoni tat-taxxa tad-dhul in generali li bghatilhom hu stess ta' dik is-sena partikolari. Ammissjoni aktar skjetta minn daqshekk wiehed ghad irid jara u t-Tribunal ma jistax jifhem kif allura il-partijiet baqghu ghaddejjin b'dawn il-proceduri meta rrizulta bic-car il-ghala l-attrici kienet qed tippretendi li tithallas lura is-somma ta' Lm840 li hija hallset bhala capital gains minflok il-konvenut u permezz ta/ liema pagament, il-konvenut kien ibbenefika mit-taxxa tieghu fuq id-dhul in generali ta' dik is-sena billi rcieva refund ta' Euro809. Dana qed jinghad ukoll ghal finijiet tar-risposta ulterjuri li treqset mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jichad ukoll l-eccezzjoni fil-meritu ukoll avvanzata mill-konvenut, kwindi jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba fl-ammont ta’ €1,956.67c (elf disa’ mija u sitta u hamsin ewro u sebgha u sittin centezmu) gia Lm840 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------